

Suġġett

Rikors ippreżentat kontra d-deċiżjoni tat-Tieni Bord tal-Appell tal-EUIPO tal-4 ta' Lulju 2018 (Każ R 2680/2017-2), dwar proċedimenti ta' oppożizzjoni bejn The Guide Association u Grupo Textil Brownie.

Dispożittiv

- 1) Ir-rikors huwa miċħud.
- 2) Grupo Textil Brownie, SL hija kkundannata għall-ispejjeż.

(¹) ĠU C 427, 26.11.2018.

Sentenza tal-Qorti Ġenerali tad-29 ta' Jannar 2020 – Aldi vs EUIPO – Titlbach (ALTISPORT)

(Kawża T-697/18) (¹)

(“Trade mark tal-Unjoni Ewropea – Proċedimenti ta' oppożizzjoni – Reġistrazzjoni internazzjonali li tiddenota l-Unjoni Ewropea – Trade mark figurattiva ALTISPORT – Trade marks internazzjonali u tal-Unjoni Ewropea verbali preċedenti ALDI – Raġuni relattiva għal rifjut – Artikolu 8(1)(b) tar-Regolament (UE) 2017/1001 – Paragun tal-prodotti u tas-servizzi – Obbligu ta' motivazzjoni – Artikolu 94 tar-Regolament 2017/1001”)

(2020/C 77/64)

Lingwa tal-kawża: il-Ġermaniż

Partijiet

Rikorrent: Aldi GmbH & Co. KG (Mülheim an der Ruhr, il-Ġermanja) (rappreżentanti: N. Lützenrath, U. Rademacher, C. Fürsen u M. Minkner, avukati)

Konvenut: L-Uffiċċju tal-Proprietà Intellettuali tal-Unjoni Ewropea (rappreżentanti: E. Markakis u A. Söder, aġenti)

Parti oħra fil-proċedimenti quddiem il-Bord tal-Appell tal-EUIPO, intervenjenti quddiem il-Qorti Ġenerali: Aleš Titlbach (Meziboří, ir-Repubblika Ċeka)

Suġġett

Rikors ippreżentat kontra d-deċiżjoni tar-Raba' Bord tal-Appell tal-EUIPO tad-19 ta' Settembru 2018 (Każ R 2683/2017-4), dwar proċedimenti ta' oppożizzjoni bejn Aldi u M. Titlbach.

Dispożittiv

- 1) Id-deċiżjoni tar-Raba' Bord tal-Appell tal-Uffiċċju tal-Proprietà Intellettuali tal-Unjoni Ewropea (EUIPO) tad-19 ta' Settembru 2018 (Każ R 2683/2017-4) hija annullata sa fejn tikkonċerna l-“ġugarelli” li jaqgħu taħt il-klassi 28 fis-sens tal-Ftehim ta' Nice dwar il-klassifikazzjoni internazzjonali ta' prodotti u servizzi għall-finijiet tar-reġistrazzjoni ta' trade marks, tal-15 ta' Ġunju 1957, kif rivedut u emendat.

- 2) *Il-kumplament tar-rikors huwa miċħud.*
- 3) *Kull parti għandha tbatl l-ispejjeż rispettivi tagħha.*

⁽¹⁾ ĠU C 25, 21.1.2019.

Sentenza tal-Qorti Ġenerali tad-29 ta' Jannar 2020 – Volkswagen vs EUIPO (CROSS)

(Kawża T-42/19) ⁽¹⁾

(“Trade mark tal-Unjoni Ewropea – Applikazzjoni għat-trade mark tal-Unjoni Ewropea verbali CROSS – Raġuni assoluta għal rifjut – Natura deskrittiva – Artikolu 7(1)(c) tar-Regolament (UE) 2017/1001 – Assenza ta' karattru distintiv – Artikolu 7(1)(b) tar-Regolament 2017/1001 – Ugwaljanza ta' trattament – Obbligu ta' motivazzjoni – Artikolu 94(1) tar-Regolament 2017/1001”)

(2020/C 77/65)

Lingwa tal-kawża: il-Ġermaniż

Partijiet

Rikorrenti: Volkswagen AG (Wolfsburg, il-Ġermanja) (rappreżentanti: F. Thiering u L. Steidle, avukati)

Konvenuti: L-Uffiċċju tal-Proprietà Intellettwali tal-Unjoni Ewropea (rappreżentanti: G. Schneider, S. Hanne u E. Markakis, aġenti)

Suġġett

Rikors ippreżentat kontra d-deċiżjoni tal-Ewwel Bord tal-Appell tal-EUIPO tal-14 ta' Novembru 2018 (Każ R 2500/2017-1), dwar applikazzjoni għar-reġistrazzjoni tas-sinjali verbali CROSS bħala trade mark tal-Unjoni Ewropea.

Dispożittiv

- 1) *Ir-rikors huwa miċħud.*
- 2) *Volkswagen AG hija kkundannata tbatl l-ispejjeż.*

⁽¹⁾ ĠU C 82, 4.3.2019.